MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Numru. 779/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Simon Peter Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Peter Chircop detentur tal-karta tal-identita` numru 168968(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn l-20 ta' Awwissu 2014 u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar l-20 ta' Awwissu 2014 ghal habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (05:00pm) minn Triq il-Knisja, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' jisraq minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni LCU 897 tal-ghamla Nissan ghad-dannu t'a Pierre Micallef Grimaud u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-'valur', u bix-'xorta ta' haga misruqa';
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura numru ta' registrazzjoni LCU 897 tal-ghamla Nissan, liema hsara ma tiskorrix l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (Euro 116.47) pero` tiskorri t-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (Euro 23.29) ghad-dannu ta' Andre` Damato u/jew persuni ohra;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li f'Malta gie kkundannat ghal serq jew ricetazzjoni instab fil-pussess tieghu flus jew oggetti ohra li ma kinux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta kif gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu ghoddod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kien jinstabu ghandu;
4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr 'il bara minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Aktar talli fl-istess data u fil-gimghat/xhur ta' qabel ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur', bil-'lok', bil-'hin' u bix-xorta tal-haga misruqa;
6. Aktar talli fl-20 ta' Awwissu 2014 u fil-21 ta' Awwissu 2014, f'hinijiet differenti f'San Giljan ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna/i, inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-

hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
7. Aktar talli ikkaguna biza lill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu
8. Aktar talli ingurja jew hedded lill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li f’kaz ta’ htija tikkunsidra lill-hati bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li dan kien gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat li fih ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati li bihom ta’ l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji u li l-imputat jista’ jinstab htija taht l-Artikoli:-

- Artikoli 41(1)(a), 261 (c) u (g), 267, 271, 279, 280 u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikolu 325 (1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikoli 6 u 51 (7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikoli 261 (b), (c), (e), (f) u (g), 263, 267, 269, 270, 271, 278(3), 279, 280 (2) u 281 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikolu 251 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikolu 339(1)(e) tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Artikoli 17, 31 u 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-ammissjoni tal-akkuzi kollha mill-imputat fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2014 u li rega' kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jerga' jikkonsidra tali ammissjoni; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward il-piena applikabbli.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota illi l-imputat huwa recidiv u li qisu mhux qed jitghallem minn diversi opportunitajiet li nghatawlu matul iz-zminijiet u ghalhekk thoss li l-aktar piena idoneja hija dik ta' piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 95, 251B, 261(b),(c),(f),(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 287, 325(1)(c), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Simon Peter Chircop** hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah piena karcerarja ta' tliet (3) snin flimkien ma' multa ta' mija u sittax il-Ewro u seba' u erbghin centezmu (EUR116.47) ghar-raba' (4) akkuza u multa ohra ta' tmien mitt Ewro (EUR800) ghas-sitt (6) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------